# SKULTUR LI ŻEJJEN IL-KNISJA TAL-MOSTA
# - MARKU MONTEBELLO -

*minn Lorenzo ZAHRA*



Il-faċċata tal-Knisja monumentali tal-Mosta hija mżejna b'sett statwi tassew sbieħ - skultura fil-ġebla Maltija u xogħol ta' Marku Montebello. Għalhekk xieraq li fil-jiem tal-festa, meta ngawdu l-faċċata b'tant tiżjin ta' l-okkażjoni, niftakru f'dawk l-idejn li bi bi skalpell u mazza f'idejhom, li minn ġebla robusta kapaċi jsawru dawk il-persunaġġi sbieħ bi stil Manerista li jiffiguraw l-Appostli.

Marku twieled Ħal Qormi u meta kellu ħmistax il-sena, kien diġa' bl-iskalpell f'idu jaħdem il-ġebel. Darba ħadem figura li l-artist Ramiro Calì, x'ħin raha, induna bit-talent moħbi ta' Marku. Wara beda jistudja taħt Caruana Dingli u Toni Micallef. Wara li żżewweġ, bħal kulħadd ħaseb biex jaqla' x'jiekol u ntefa' jaħdem xogħol kummerċjali, aktarx monumenti ta' oqbra. Qalbu iżda kienet imxekkla bit-toqol ta' l-imħabba lejn l-arti u kien isib ħin jistudja u jqalleb kotba dwar l-arti. L-hena tiegħu jitkellem fuq l-arti.

Statwa tad-Duluri li ħadem għal Tal-Pietà ntogħġbot u serviet ta' reklam. Bdew il-kummissjonijiet, iżda fil-gwerra ngabar bħala suldat, għalkemm xorta baqgħu jitolbuh jagħmel xogħol artistiku. Kien wara l-gwerra li fetaħ il-ħanut ħdejn iċ-ċimiterju tal-Marsa u minn hemm ħarġet statwa sabiħa ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel. Bdew ħerġin ruxxmata ta' xogħlijiet statwarji minn idejh: Santu Wistin u Sant'Antnin għall-Belt Valletta, San Lawrenz għal Ħaż-Żebbuġ, il-Papa Alessandru għal Ħaż-Żabbar, Kristu Re għall-isptar San Vinċenz u tant statwi oħra. Kienet din il-wirja ta' statwi sbieħ li ħarġu minn idejh li ħajru lill-Arċipriet, (illum Mons.) Dun Bert Bezzina, iwettaq il-proġett ta' l-istatwi ta' l-Appostli mal-faċċata tar-Rotunda.

Kollu żejjed li nitkellmu fuq il-ġmiel ta' dawn l-istatwi imma ħarsa lejn id-dettalji tax-xogħol li fihom, juru l-kobor tal-ħila ta' Marku Montebello, li miet fl-1988.




**Hobby**

**Sport Shop**

*215, Main Street, Mosta*
*Tel: 432033*

**Kull ma trid għall-kaċċa, insib u sajd**

**KOLLOX BI PREZZ TAJJEB!**

# IL-PAVIMENT TAL-KNISJA ROTUNDA TAL-MOSTA

*minn Joseph BORG*



*Dehra tal-Knisja tal-Mosta qabel ma sar il-paviment ta' l-irħam.*

Waħda mill-isbaħ opri li biħom hija mżejna l-Knisja Arċipretali tal-Verġni Marija Assunta tal-Mosta, hija bla ebda dubju l-paviment ta' l-irħam li jiksi l-art ta' dan is-Santwarju Marjan. Qabel ma sar dan l-irħam, l-art tal-knisja tagħna kienet iċċangata bil-franka u għall-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija, fuq il-qiegħa ta' l-art kollha kienu jxerrdu l-ħaxix, bħal klin u liedna. Wieħed għadu jista' jara din id-dehra f'ritratti li kienu ttieħdu fl-okkażjoni tal-festa titolari fil-bidu ta' dan is-seklu. Din iċċangatura, kienet damet tiksi l-art tal-knisja għal kważi ħamsin sena, jiġifieri mill-1861 sal-1911, meta tlesta l-paviment ta' l-irħam li għandna llum.

Jekk wieħed jidħol fis-Sagristija ta' fejn jilbsu l-qassisin, għandu jara żewġ pjanti oriġinali tal-knisja tagħna ta' Ġorġ Grognet de Vassè. Waħda minnhom hija l-pjanta ta' l-art tal-knisja u fiha wieħed jista' jara d-disinn li jgħaxxaq tal-paviment, kif kien maħsub li għandu jsir minn dan l-arkitett-inġinier tar-Rotunda. Hekk iddisinjah u hekk sar!

Qabel ma beda x-xogħol propju tal-paviment, kienu diġa' lesti l-qigħat tas-sitt kappelluni u sewwa sew f'Awwissu tal-1906, kien lest it-tqegħid ta' l-irħam tal-Presbiterju mill-imgħallem magħruf Mariano Spina fuq disinn tas-Sur Rafel Caruana Dingli. Skond relazzjoni tal-perit Ġużeppi Borg mill-Mosta, kienu daħlu f'dan il-paviment 850 pied kwadru ta' rħam mill-ifjen bil-prezz ta' 5s. 8d. kull pied kwadru u b'kollox kien sewa 240 lira - 16 il-xelin u 8 soldi.

**Sentejn biex sar**

F'Ġunju tal-1909, beda x-xogħol kbir ta' l-iċċangar bl-irħam tal-qiegħa tar-Rotunda li dam sejjer sentejn, jiġifieri sa Awwissu tal-1911. Dan ix-xogħol, bħal fil-każ tal-Presbiterju, kien reġa' ġie afdat f'idejn l-imgħallem Mariano Spina li kien megħjun mill-imgħallem Antonio Galea minn Birkirkara. Din l-opra kbira saret fi żminijiet diffiċli u l-Prokuratur Dun Anġ Camilleri kellu għalhekk jidħol garanti għal dak kollu li seta' jiġri, bl-ipoteka ta' ġidu kollu jekk fil-każ li l-flus meħtieġa ma jinġabrux.

Hawn ta' min jistagħġeb bl-imħabba kbira li kellu Dun Anġ, qassis Żabbari, lejn il-knisja tagħna. Iżda l-ġenerożità tal-Mostin lejn it-tempju tagħhom ma naqsitx, allavolja kien żmien ta' għaks u n-nefqa kienet kbira għal dak iż-żmien. Però l-flus meħtieġa nġabru sa l-inqas ħabba u b'kollox il-paviment kien sewa 2,018 lira - 7 xelini u 3 soldi.

**Inawgurat mill-Isqof**

Dan il-paviment grandjuż kien ġie inawgurat mill-Isqof Mons. Pietru Pace nhar l-1 t'Awwissu, 1911 b'sodisfazzjon ta' l-Arċipriet Dun Pawl Mallia, ta' Dun Anġ Camilleri u ta' Dun Ġużepp Borg - iż-żewġ saċerdoti li ħabirku ħafna għall-ġbir tiegħu, kif ukoll tal-kleru u tal-poplu Mosti kollu.

F'dik l-okkażjoni, wieħed seta' jidħol fir-Rotunda u jaraha riflessa f'dak il-paviment hekk sabiħ li kien għadu illustrat frisk. Għall-istess avveniment, fuq il-Presbiterju, kienu saru ż-żewġ statwi ta' rħam abjad mill-ifjen ta' l-Evanġelisti San Ġwann u San Luqa - xogħol ta' l-iskultur Sebastiano Spampinato. Swew 140 lira u kien ħallas għalihom minn butu l-



*Eċċ. Rev. Mons Pietru Pace, Arċisqof ta' Rodi u Isqof ta' Malta.*

wisq ħabrieki Prokuratur Dun Anġ Camilleri.

Ta' min ifakkar li mad-dawra l-kbira tal-knisja, saru wkoll il-Kor u l-biċċa ta' fejn hemm il-bieb il-kbir.

Dehra tassew li tgħaxxaq joffri dan il-paviment lil kull min jitla' jarah mill-gallarija ta' fejn hemm it-twieqi tat-tanbur. Ma nafx biex taqbad tistagħġeb l-iktar - jekk hux bis-sengħa ta' l-imgħallmin li poġġewh jew inkella bil-ġenju ta' l-arkitett Grognet li ddisinjah. Wirja tassew ta' disinn, kuluri u moviment li flimkien jagħmlu minn dan il-paviment opra verament artistika.

## Ħsarat fl-Aħħar Gwerra

Sewwa sew wieħed u tletin sena mill-inawgurazzjoni tiegħu, din l-opra li swiet tant sagrifiċċji, kellha ssofri ħafna ħsarat. Matul l-aħħar Gwerra Dinjija, nhar id-9 t'April tal-1942, il-bomba Ġermaniża li nifdet il-koppla nisslet ħsarat mal-knisja kollha. Kif wieħed jista' jissoponi, l-paviment ġarrab ħsarat kbar. Ir-rużun tan-nofs tista' tgħid li kellu jerġa' jiġi mibdul mill-ġdid u rħam ieħor imxerred mal-qiegħa kollha tal-knisja li ġarrab ħsara, kellu jiġi mibdul ukoll. Ħafna minn dan ix-xogħol ta' tqegħid ġdid tal-irħam kien sar mill-marmista Taljan Romeo Cecotti qrib l-1960.

Fis-snin li ġew wara li tlesta l-paviment, kienu saru ħafna xogħlijiet oħra ta' kisi ta' rħam fil-Knisja Arċipretali tagħna. Fl-1915, iċċangaw is-Sagristija tan-naħa ta' l-Epistola bil-kurituri li jagħtu għall-knisja. Dik il-ħabta wkoll saru l-partijiet taz-zokklatura ta' taħt il-'Via Sacra'. Iżjed il-quddiem ġiet iċċangata wkoll is-Sagristija l-oħra, ta' fejn hemm il-bomba. Fi żmienna tkompliet iz-zokklatura kollha tal-knisja u ġew iċċangati wkoll bil-kurituri magħhom, iż-żewġ entraturi ħelwin jew koppletti, fejn hemm l-istatwi tad-Duluri u ta' San Ġużepp. Dawn kienu saru fl-1958 u kienu ħallsu għalihom l-eks Prokuratur tal-Knisja, Dun Salv Magro u s-Sur Franġisku Scicluna. L-aħħar biċċa xogħol ta' rħam li saret fuq ġewwa, kienet iz-zokklatura ta' dawn iż-żewġ koppletti msemmija - fl-1975 fl-okkażjoni ta' l-Inkurunazzjoni tal-kwadru ta' Marija Assunta.

## Egħluq

Il-paviment li jiksi l-art tat-tempju monumentali tagħna jibqa' għalina, kif nittamaw li għad jibqa' għal dawk ta' warajna, wirt għani u għażiż li ħallewlna dawk ta' qabilna. Jibqa' jfakkarna fl-imħabba kbira li kellhom dawk niesna ta' qabilna lejn id-Dar t'Alla, li għalkemm foqra, taw kemm felħu sabiex din l-opra setgħet isseħħ. Fil-persuna ta' Dun Anġ Camilleri, il-prokuratur wisq ħabrieki li kellha l-knisja tagħna dak iż-żmien, niftakru mhux biss fih, iżda wkoll f'tant oħrajn li mexxew it-tempju tagħna 'l quddiem billi taw ħinhom, ġidhom u saħħithom biex ir-Rotunda għażiża tagħna tkun dejjem isbaħ. Dan nistgħu ngħidu, li dejjem għamluh għall-ikbar glorja t'Alla u tal-Patruna glorjuża tagħna l-Mostin, Marija Assunta.



*(Ritratt: Jos A. Vella F.R.P.S., E. FIAP., E.S.FIAP.)*
*Il-parti ċentrali tal-paviment fuq id-disinn ta' Ġorġ Grognet.*

***Riferenzi:***


1. *Tifkira għażiża tas-Saċ. Dun Anġ Camilleri - 1927.*
2. *Storja tal-Mosta Bil-Knisja Tagħha - E. B. Vella - 1930 - Paġ. 186-187.*
3. *Il-Mosta - Ottubru-Novembru 1977 - Opri Sbieħ li għandha l-Knisja Arċipretali Tagħna - Il-Paviment (3) - Joseph Borg.*